Louis Fenech

# L-Arkitett Ġwanni Attard

Is-sena l-oħra tkellimna fuq l-ewwel kappillan wild Ħal Lija, u t-tieni wieħed għall-parroċċa tagħna, li kien għamel isem mhux biss ma' Ħal Lija , imma ma' Malta kollha. Qed nirreferi għal Mons Dun Ġwann Dumink Attard. Kien bniedem erudit ħafna, li wara l-mewt tal-Isqof Balaguer kien ġie elett Vigarju Kapitulari, fejn għal erba' snin sħaħ mexxa d-Djoċesi ta' Malta. Ftit qabel din il-kariga kien ukoll laħaq kononku teologu tal-Katedral. Tul iż-żmien li għamel Vigarju għamel ukoll Vista Pastorali mal-parroċċi ta' Malta w Għawdex. Mons Attard kien ukoll imħallef u eżaminatur kif ukoll konsulent tat-tribunal tas-Sant' Uffizzju. Mons Attard kien bniedem stmat ħafna tant li huwa midfun fil-Katedral tal-Imdina.

Iżda tajjeb li ngħidu li missier Mons Attard ma kien xejn inqas minnu. Mastru Ġwann Attard kien bniedem li jaf sewwa s-sena tal-bini. Dan l-imgħallem wild Ħal Lija, tant kien imħarreġ sewwa fis-sena tal-bini, li kien imqabbad mill-Gran Mastru Alof de Wignacourt fuq il-proġett tal-bini tal-akwadott bejn is-snin 1610 u l-1615. Biċċa xogħol important u bżonjuża biex min-



nixxiegħa ta' bejn disa' mili w nofs (xi 15.5km) il-bogħod fl-inħawwi ta' Ħad Dingli jitwassal minnha l-ilma sal-Belt Valletta. Fil-bidu, dan ix-xogħol kien ikkommissjonat lil Natale Tomasucci, enġinier idroligo minn Messina, li kien magħruf sewwa kif jagħraf nixxigħat mitlufa fil-blat.

Skond Ġian Franġisk Abela, Tomasucci abbanduna dan il-proġett meta induna li l-ilma minn din in-nixxiegħa ser jibda jiskula ġo passaġġi jew mini minn taħt l-art kif beda riesaq lejn Ħ'Attard. Għalhekk ħaseb li kien ser tkun biċċa xogħol diffiċli li l-proġett jitkompla. Iżda r-raġuni għala Tomasucci ma kompliex bil-proġett mhix ċara biżżejjed. Għalhekk il-Gran Mastru Wignacourt fl-1612 qabbad lil mastru Ġiovanni Attard, flimkien ma' żewġ assistenti tiegħu biex ikompli fejn ħalla Tomasucci. Gwann Attard issuġġerixxa, li minn Ħ'Attard l-ilma jista' jkompli l-mixja tiegħu lejn il-Belt Valletta minn ġo gandotti imwieżna fuq arkati; soluzzjoni li bħala kien adotta Bontadino de Bontadini. Il-proġett kien inawgurat uffiċċjalment fit-12 t' April, 1615 meta l-ewwel qtar tal-ilma beda nieżel mill-għajn illum magħrufa bħala l-Għajn ta' Wignacourt, għax tajjeb li ngħidu li dan il-proġett tħallas minn butu. Qabel ma daħal għal din il-biċċa xogħol, fl-1609 Giovanni Attard kien għadu naġġar mal-imgħallem Giuseppe Barbara fuq xogħlijiet fuq il-kappella tal-Madonna tal-Għar, il-lok li qiegħed mal-Kunvent tad-Dumnikani fir-Rabat.

Ritratt riprodott mit-"TIMES" tad-9 t'April 2012. Arkata ta' Fleur de Lys li kienet tagħmel parti mill-akwadott, u li twaqqat fl-1943, meta crane tar-Royal Airforce ipprova jgħaddi minnha. Hu maħsub li din l-arkata terġa' tinbena, u ser tiġi tiswa madwar €250,000.

Wara il-ħidma tiegħu fuq l-akwadott tal-Imrieħel, fl-1615 Ġwann Attard u Tommaso Dingli tħallsu mitt skud fuq xogħol li kienu għamlu fil-ġebel fil-bini tal-knisja ta' Santa Marija ta' Ħ'Attard.

Sena wara, fl-1616, Gwann Attard jissemma' wkoll ma' naġġar ieħor – Domenico Azzopardi – fl-istess kappella tal-Madonna tal-Għar li kienet qed tinbena. Ingħaqad magħhom fuq l-istess xogħol fil-bini ta' din il-kappella Tommaso Dingli, naġġar ieħor. Dan kien fl-1617. Ix-xogħol fuq din il-kappella kien waqaf ħesren f'Otturbu tal-

Ls 1618. Iżda jidher li x-xogħol tkompla minn Attard u naġġar ieħor, iżda Tommaso Dingli ma kienx magħhom.

Billi Giovanni Attard kien magħdud li kien akbar fiż-żmien minn T. Dingli (1591 -1666), wieħed jista' jobsor li kien l-imgħallem u l-għalliem ta' Tommaso Dingli. U għalhekk, jekk xi wieħed minnhom kien responsabbli fid-disinn tal-knisja ta' Santa Marija ta' Ħ'Attard, jew il-kappella tal-Madonna tal-Għar tar-Rabat, allura wieħed jista' jikkonkludi li Ġwann Attard u mhux Tommaso Dingli kien l-arkitett ta' dawn iż-żewġ xogħlijiet. Iżda jidher ukoll li la lil Ġwann Attard u lanqas lil Tommaso Dingli ma hemm ħjiel li sar xi ħlas tal-pjanti jew ta' superviżjoni fuq xogħlijiet li saru minnhom.

* *Dan it-tagħrif hu meħud minn tal-Perit Leonard Mahoney, "5000 Years of Architecture in Malta" 1966, paġna 307.*

Shoe Market
Best Footwear




St.Anthony Street
Bugibba • Tel. 21 578 450

Triq il-Hgejjeg
San Gwann
Tel. 21382 306